MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 248/2004

Kawza fil-lista: 68

***W Q***
**vs**
***P Q***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta’ Dicembru 1991, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t’itfal, *B* u *X*, li ghadhom minorenni; li “il-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza mpossibbli minhabba violenza, sevizzi, ingurji gravi u mohqrija da parti tal-konvenut, u nkompatibbilita’ ta’ karattru; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort tal-konvenut; [2] takkorda lill-attrici l-kura u

kustodja tat-tfal minuri; [3] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha u ghal ulied minuri, manteniment fissat minn din il-Qorti; [4] tapplika kontra l-konvenut id-dispost ta' l-artikoklu 48 tal-Kap.16; [5][6] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tinnomina nutar pubbliku biex jircevi l-att opportun, u kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci; [7] tordna l-bejgh bil-licitazzjoni ta' l-assi mmobbli f' kaz li jirrizulta li dawn ma jistghux jigu komodament divizi; [8] tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-proprjeta' kollha taghha parafernali jew il-valur taghha; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li l-htija tal-firda hija attribwibbli lill-attrici; li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta; li m' ghandhux ihallas manteniment ghall-attrici peress li hi tahdem; li l-artikolu 48 ghandu jigi applikat fil-konfront ta' l-attrici biss; li jaqbel max-xoljiment, likwidazzjoni u divizjonii tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Rat il-kontro-talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita fil-process a fols.44 sa 45 li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet maghmula mill-attrici rikonvenzjonata, u li kopja taghha tinsab inserita fil-process a fols.48 sa 49 li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat ir-rapport ta' l-Avukat tat-Tfal Dottor Tatienne Cassar;

Rat ir-rapport ex-parte tal-Psikoterapista Dottor Malcolm Tortell;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Sandra Sladden;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**Azzjoni u Kontro-talba**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali, stante li l-hajja konjugali bejniethom m’ ghadhiex aktar possibbli minhabba htija reciproka. L-attrici qed timputa lill-konvenut ir-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li l-konvenut qed jimputa lill-attrici l-artikoli 38 u 40 ta’ l-istess kapitlu.

Il-partijiet cahdu dak imputat lilhom.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta lil-partijiet izzewwgu fil-5 ta’ Dicembru 1991 meta allura l-attrici kienet diga’ tqila bl-ewwel tarbija. Minn dan iz-zwieg twieldu zewg t’itfal, *B* u *X*, fl-4 ta’ Mejju 1992 u fil-5 ta’ Frar 1994, rispettivament.

Illi wara konvivenza matrimonjali turbolenti, l-attrici telqet mid-dar bit-tfal fir-rebbiegha tas-sena 1996, izda wara circa ghaxar xhur, regghet irritornat lura fid-dar matrimonjali. Eventwalment hija telqet, bit-tfal, mid-dar defenitivament fil-5 ta’ Marzu 2004.

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg kien jidher li l-konvenut huwa bniedem ghajjur u possessiv, u gieghli refa’ idejh fuqha, izda hi kienet tittollera din l-imgieba “ghax kif jghidu l-imhabba ghamja” [Vol.2 – fol.402]. Tant l-attrici kienet thobb lill-konvenut, li l-partijiet iddecidew li tohrog tqila sabiex ikun jistghu jizzewwgu malajr, u dan peress li l-genituri taghha kienu qed joggezzjonaw ghar-relazzjoni.

Tghid li wara z-zwieg, il-komportament tal-konvenut sar aktar gravi, tant li kellha titlaq mix-xoghol taghha sforz tal-ghejra tieghu. Kellu fissazzjoni li hi kienet infidila lejh, u ghalhekk rieda toqghod id-dar u kemm jista’jkun ma taghmel kuntatt ma’ hadd.

Dan il-komportament da parti tal-konvenut kien jikkaguna pressjoni kbira kemm fuqha kif ukoll fuq uliedha, bir-rizultat li fis-sena 1996 hija telqet, bit-tfal, mid-dar matrimonjali; izda ghaxar xhur wara, il-partijiet irrangaw, u hi rritornat lura d-dar.

Illi s-sitwazzjoni bejn il-partijiet ikkalmat ghal xi snin, izda eventwalment il-konvenut beda jerga' jkun possessiv u aggressiv mal-konvenuta, tant li fil-5 ta' Marzu 2004 hija telqet, bit-tfal, mid-dar konjugali, defenitivament.

L-attrici tichad li hi kienet infidila lejn zewgha, u tghid kategorikament li "Qatt ma tradejtu bl-ebda mod." [Vol.1 – fol.19]. Hija tichad li ghandha relazzjoni ma' Bagio Muscat kif allegat mill-konvenut, izda tghid li "Bagio Muscat gieli dahal id-dar tieghi, izda mhux fid-dar matrimonjali. Qatt ma qatta' lejl id-dar tieghi." [Vol.2 – fol403].

*Verzjoni Konvenut*
Illi l-konvenut jghid li l-problemi serji bejniethom bdew ftit wara li t-twelid tat-tieni wild tal-partijet, meta l-attrici dahlet f' relazzjoni ma' l-ex-boyfriend taghha bl-isem ta' 'Robert' u di fatti kienet telqet mid-dar, flimkien mat-tfal, fl-10 ta' Lulju 1996.

Illi ghalkemm huwa kien baqa' jhallasha l-manteniment ordnat mill-qorti f' dak iz-zmien, l-attrici kienet tipprivah ghal xhur shah milli jara lit-tfal, li f'dak iz-zmien kienu ghadhom zghar hafna. Eventwalment, wara sena, u minhabba li r-relazzjoni extra matrimonjali ta' l-attrici waqfet, hija rritornat lura fid-dar matrimonjali bit-tfal.

Izda, r-relazzjoni bejniethom kienet regghet hzienet minhabba li l-attrici kienet, wara xi zmien, regghet bdiet titraskura l-familja, u f' Mejju 2003 il-konvenut skopra li l-attrici kienet qed titrattjeni relazzjoni ma' certu Bagio Muscat. Il-partijiet marru counseling, izda hi kienet qaltlu li ma kientix ghadha thobbu.

Illi l-konvenut fid-depozizzjoni tieghu moghtija fit-12 ta' Frar 2009 jghid li llum hu jghix wahdu fid-dar matrimonjali. "Kien hemm mara partikolarli li ghaddiet xi ljeli fid-dar. Din ghandi relazzjoni maghha u ilna flimkien kwazi tlett snin." [Vol.2 – fol.429].

Illi Angelo *Q*,missier-il konvenut, jghid fl-affidavit tieghu li "Wara xi gimghatejn li *W* telqet mid-dar, jiena smajt xi ghajjat minn barra, u hrigt u sibt ragel [li llum naf li kien Bagio Muscat] jghajjat ma' *P* u jghidlu li ssa *W* kienet telqet mid-dar, hu kellu kull dritt ikollu relazzjoni maghha, u beda jintimidah" [Vol.2 – fol.272]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi l-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u ghal dan jahtu primarjament il-konvenut, u sekondarjament l-attrici.

Illi l-verzjoni attrici relattivament ghall- karattru possessiv u ghajjur tal-konvenut, u ghall-konsegwenzjali komportament aggressiv tieghu, issib konfort qawwi fix-xhieda tal-Psikoterapista Dottor Malcolm Tortell li spjega x' irrizultalu minn dak li qalulu t-tfal u mill-ezamijiet klinici maghmula minnu.

Dan il-komportament abbuziv da parti tal-konvenut, ezercitat fuq bazi attwali u ripetut fil-maggjor parti tal-konvivenza matrimonjali, irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza, tant li f'zewg okkazzjonijiet kienet telqet mid-dar matrimonjali bit-tfal. Dan il-komportament jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, u fil-fehma tal-Qorti jikkostitwixxi l-kawza principali tal-firda. Il-posizzjoni legali tal-konvenut kompliet taggrava meta fis-sena 2009 ammetta fid-depozizzjoni tieghu li hu kien ilu f' relazzjoni ma' mara ohra circa tlett snin.

Illi r-responsabbilita' tal-konvenut ghandha tattira fil-konfront tieghu l-applikazzjoni ta'l-artikolu 48 Kap.16, fl-intier tieghu.

Illi pero' da parti ta' l-attrici l-Qorti tirravviza responsabbilita' sekondarja ghall-firda, stante li, fil-fehema

tal-Qorti, jirrizultaw elementi ta’ prova sufficjenti, sabiex fuq bazi ta’ probabbilita’ jirrizulta li din kellha hbiberija specjali ma’ ragel iehor, kemm lejn it-tmiem tal-konvivenza matrimonjali, kif ukoll anke wara. Dan jikkostitwixxi ngurja gravi da parti taghha fil-konfront tal-konvenut.

**Kura u Kustodja**
Illi llum dan il-kap jirreferi biss ghat-tifel *X* li ghandu sbatax-il sena.

Il-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta’ dan il-minuri tibqa’ kongunta, b’ dan li l-minuri jibqa’ jghix mal-omm, bid-dritt ta’ access favur il-missier konkordat mal-istess minuri.

**Manteniment**
Illi mhux qed jigi komputat manteniment favur l-attrici peress li din tahdem bi qligh.

Illi l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghat-tifel minuri ghandhu jkun ta’ mija sitta u tmenin ewro [€186] kull erba’ gimghat, eskluzi l-ispejjez medici straordinarji li ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

Illi b’ nota prezentata fis-19 ta’ April 2010, u cioe’ wara li l-partijiet kienu ddikjara li ghalqu l-provi quddiem il-perit legali fit-2 ta’ Frar 2009, u wara l-prezentata ta’ l-istess rapport, l-attrici prezentat lista guramentata ndikanti l-ispejjez edukattivi u medici li hi ghamlet in konnessjoni mat-tfal tul dawn il-proceduri.

Il-Qorti tosserva in propozitu li, ghalkemm dan l-affidavit gie notifikat lill-kontro-parti, din ma rrispondietx ghall-istess; u ghalhekk, anke fin-nuqqas ta’ rcevuti in sostenn, il-Qorti ser taccetta bhala veritier dak indikat fl-istess affidavit; u ghalhekk il-konvenut qed jigi ordnat jirrifondi lill-attrici s-somma ta’ disgha’ t’elef, mija tlieta u sittin ewro [€9,163].

Illi fir-rigward tal-pretensjoni attrici ghar-rifuzjoni ta’ nofs l-ammont li hi kienet hallset bhala kera matul il-proceduri, il-Qorti tosserva li l-ammonti imhallas mill-attrici huma fondi

tal-komunjoni u ghalhekk mhux dovut ebda rifuzjoni; kif, ghall-istess raguni lanqas hija dovuta xi rifuzjoni tal-konvenut talli ghal xi zmien dan baqa' jhallas wahdu l-loan tad-dar konjugali.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti fid-dar matrimonjali, effetti mobbli ezistenti fid-dar, il-vettura van CAT 741, u dejn mal-Bank of Valletta.

*Dar* Matrimonjali – *Indirizz*

Illi din id-dar ghandha tinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sitt xhur, u fin-nuqqas, tinbigh bis-subbasta taht l-awtorita' tal-Qorti, u dan ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak stabbilit mill-Perit Mario Cassar li qed jigi nominat, ghas-spejjez taz-zewg partijiet espert ghall-iskop li jaghmel valutazzjoni tal-fond de quo, kemm-il darba l-partijiet ma jasslux ghall-ftehim bil-miktub dwar il-valur ta' l-istess fond.

Illi r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu d-dejn kollu dovut mill-komunjoni lill-Bank of Valletta, kif ukoll il-kera li mil-lum 'il quddiem sad-data tal-bejgh tkun hallset l-attrici ghall-akkomodazzjoni taghha u ta' ulied il-partijiet, il-bilanc jinqasam ugwalment f' zewg porzjonijiet A u B. Illi l-porzjoni A, wara li jitnaqqsu minnha l-ammonti ta' €9,163 u €932 u jigu moghddija lill-prozjoni B, tinghata lill-konvenut; filwaqt li l-porzjoni B, kif awmentata, tinghata lill-attrici.

Illi l-Qorti tosserva li ma taqbilx ma' dak suggerit mill-perit legali, li r-rikavat ghandhu jinqasam b' mod mhux ugwali bejn il-partijiet peress li d-dejn tal-post gie awmentat minhabba li l-konvenut tul il-proceduri ma riedtx jaghti li kunsens tieghu ghall-bejgh tal-istess. Il-Qorti tosserva dak li gie akkwistat bejn il-partijiet matul iz-zwieg jappartjeni ex-lege liz-zewg partijet f'ishma ndaqs, u ghalhekk, il-parti ma tistax tigi pprivata minn sehemha tal-komunjoni, jekk mhux bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48[1][c] tal-Kap.16 fiz-zmien relevant.

Illi permezz tal-gudizzju odjerna l-konvenut qed jigi ordnat li jivvaka d-dar konjugali fi zmien sitt xhur mid-data tal-gudizzju odjerni.

*Kontijiet Bankarji*
Illi l-flus llum ezistenti fil-kontijiet bankarji ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, kemm jekk huma fuq iz-zewg partijiet, kemm jekk fuq parti wahda biss.

*Vettura - Van CAT 741*
Illi l-attrici titrasferixxi sehema f' din il-vettura lill-konvenut li minn naha tieghu ghandu jhallasha s-somma ta' seba' mitt ewro [€700] bhala ekwiparazzjoni.

Rgiward l-vettura Skoda, l-attrici tispjega fid-depozizzjoni taghha li din il-vettura, li kienet thallasha hi, kienet giet mibjugha biex jithallas il-Bank of Valletta; u ghalhekk illum mhijiex parti tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

*Dejn*
[A] Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza numru 6/2006RCP il-Bank of Valleta gie kanonizzat kreditu kontra l-partijiet flimkien fl-ammont ta' €49,002.18, oltre l-imghax u oltre l-ispejjes gudizzjarji u legali dovuti lill-istess bank. Dan id-debitu jaggrava lill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ghandu jigi sopportat mill-partjiet ugwalment.

Illi l-kreditu l-iehor tal-istess Bank, fl-ammont ta' elf, seba' mija hamsa u hamsin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,755.54) flimkien mal-imghax, huwa dovut biss mill-attrici.

[B] Illi rigward il-pretensjoni tal-konvenut li missieru ghandu jiehu s-somma ta' €4,660 rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma dovuti mill-partijiet, l-attrici tghid li dawn kienu thallsu kollha, u ghalhekk qed tichad li dan id-dejn ghandu jezisti.

Il-Qorti qed tirrizerva din il-pendenza ghal gudizzju separat, stante li Angelo *Q*, missier-il konvenut, mhuwiex parti fil-kawza odjerna, izda tordna li jekk dan il-kreditu jigi

eventwalment kanonizzat, allura ghandu jigi sopportati miz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

*Mobbli*
Illi rigward il-mobbli ezistenti fid-dar konjugali, dawn diga' nqassmu bi ftehim bejn il-partijiet.

*Proprjeta' Parafernali*
Il-Qorti tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-engagement ring, fi zmien gimgha. Huwa ghandu wkoll jghati lill-istess, kopja tat-tlett videos relatati ma' l-ulied tal-partjiet, meta kienu ghadhom zghar. Minn naha taghha, l-attrici ghandha, fl-istess perijodu, tirrestitwixxi lill-konvenut il-kaxxa tal-hgieg u d-dghajsa tal-fibreglass.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, primarjament htija tal-konvenut, u sekondarjament htija ta' l-attrici;
[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[3] tilqa' it-tielet talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilqa' ir-raba' talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16, fl-intier tieghu;
[5] tilqa' il-hames u s-seba' talba, u mil-lum ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja kif fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tilqa' it-tmien talba kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Proprjeta' Parafernali'

Tiddeciedi dwar il-**kontro talba** billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament kif gja fuq deciz;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba' talba;
[5] tilqa' l-hames talba fis-sens gja fuq deciz;
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tilqa' is-seba' talba, kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Proprjeta' Parafernali';

[8] tilqa’ t-tmien talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn iz-zewg partijiet, in kwantu ghal erba minn hamsa [4/5] a kariku tal-konvenut, filwaqt li r-rimanenti kwint [1/5] jibqa’ a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------